# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 1025/97

Dottor Emmanuel George Cefai LL.D.

vs

Onorevoli Prim Ministru, il-Ministru tal-Ambjent, u L-Awtorita` tal-Ippjanar u d-Direttur Generali tax-Xogholijiet li gie kjamat fir-rikors b'digriet tal-25 ta' Jannar, 2000.

Illum 10 ta' Lulju, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u precizament fiz-zmien ossija zmienijiet taht indikati huwa sofra ingustizzja billi gie mcahhad minn permessi tal-bini bi pregudizzju ghalih kif ukoll bi svantagg gravi ghalih.

Illi l-fatti li taw lok ghall dan il-kaz kienu:

1. Illi huwa s-sid tat-terren msejjah “tal-Milied” sive “tal-Hluq” li jinsab fil-limiti taz-Zebbug t’Ghawdex kollox kif muri fuq il-pjanta hawn annessa u markata “A”.

2. Illi dan t-terren ghandu faccati fuq it-triq pubblika, huwa servut bis-servizzi kollha mehtiega u jikkwalifika ghall bini edilizju.

3. Illi fis-sena 1989 kienet saret talba mill-Gvern ta’ dak iz-zmien sabiex sidien li jkollhom terreni li jixtiequ li jinkludu fl-izvilupp jaghmlu hekk.

Illi kienu hargu pjanti provizorji biex wara li jkunu saru sottomissjonijiet mill-pubbliku lill Kumitat Selettiv tal-Kamra tar-Rappresentanti jsiru l-inkluzjonijiet relattiv fi Skema finali li kellha tigi approvata mill-istess Kumitat Selettiv u wara mill-Parlament.

Inoltri fl-istess rahal saru inklusjonijiet fl-iskemi lill-terzi persuni f’terren ta’ valur tekniku identiku ghal tar-rikorrent filwaqt li fit-terren tar-rikorrent ma saritx estensjoni. B’rizultat hekk t-terren tar-rikorrent gie ingustament mholli barra mill-izvilupp li invece l-permessi w estensjonijiet relattivi inghataw lil terzi.

4. Illi minkejja illi r-rikorrent kien ghamel id-debiti sottomissjonijiet tieghu w indika wkoll kif kellha ssir l-

inkluzjoni relattiva mal-iskema tat-terren tieghu, xorta wahda huwa thalla barra b'mod arbitrarju w ingust u minghajr ma qatt inghata l-ebda raguni jew spjegazzjoni.

Illi r-rikorrent kien ukoll sahansitra applika lill Planning Areas Permits Board ghall hrug tal-permessi fuq it-triq li fuqha ghandu faccata t-terren tieghu.

Dan kollu wara li skond il Building Development Areas Act tal-1983 s-sit in kwistjoni huwa "building site" inecceppibbli u wara li mill-1987 sa meta spiccat il-Planning Areas Permits Board ghogbu johrog lil terzi permessi ghall-uzi diversi anki ferm 'l boghod mill-bini u barra mill-iskema ta' l-izvilupp fil-mument meta hargu l-permessi.  Dan ma sarx fil-konfront tar-rikorrent.

Illi anki wara li spiccat il-Planning Areas permits Board l-Awtorita' tal-Ippjanar harget permessi lill terzi ghall-uzi diversi anki meta dawn kienu jkun barra mill-linja ta' l-izvilupp.

Illi l-esitu tat-talba tar-rikorrent kif fuq lill imsemmi Planning Areas Permits Board kien minghajr success;  mentri mill 1987 'l hawn fl-istess triq proprju ftit metri l-boghod mit-terren tar-rikorrent telghu binjiet ingenti gholjin diversi sulari u konsistenti "inter alia" minn diversi appartamenti kif jidher mir-ritratti iktar l-isfel riferiti.

Fil-fatt fid-9 ta' Lulju 1990 r-rikorrent kien applika lill-Planning Areas Permits Board sabiex jinghata l-permessi mehtiega biex

fuq parti mill-istess terren jibni Sports and Leisure Building liema bini kien jikkwalifika pjenament ai termini tal-policy kurrenti dak iz-zmien u rigwardanti permessi tal-bini kif approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tar-Rapprezentanti fit-tnax 12 t'Ottubru 1988 u dan ai termini tal-Building Permits (Temporary Provisions) Act 1988 (Att Numru X tal-1988).

Din l-policy kienet tipprovdi ghall-hrug ta' permessi ta bini kemm f'"developed areas" kif ukoll f'arei li jkun 'l barra minn "developed areas".

Din il-policy kienet tonqos milli tiddefinixxi xi tkun "developed area" espressament w in mankanza ta' definizzjoni mil-legislatur nistghu biss naslu ghal definizzjoni taghha bhal per ezempju billi naghtu ezempji specifici ta' x'tip ta' bini jista' jitla jew ma jitlax fl-istess. Fil-fatt il-"headings" ossia "klawsoli" li jittrattaw permessi gewwa "developed areas" jvarjaw minn bini ta' residenzi (klawsola (A)); sa alterazzjonijiet (klawsola(B)); sa Akkomodazzjoni Turistika u Ancillari jew Facilitajiet ta' Rpoz (klawsola(C)); u sa xogholijiet industrijali/kummercjali (klawsola(D)); sa zvilupp f'arei proetti (klawsola(E)); sa demolizzjoni ta' bini (klawsola (F)) u zvilupp ta' bini li jolqot Monumenti Antiki jew Siti Arkeologici (klawsola (G)).

U l-istess il-klawsoli relattivi ghall-bini "outside development areas" kellhom l-"headings" taghhom simili ghall-klawsoli minn (A) sa (G) taht "developed Areas".

B'dan pero' li f'kazijiet ta' bini residenzjali l-permessi li setghu johorgu "outside developed areas" kienu iktar ristretti: bhal per ezempju: li f'kaz ta' bini residenzjali minflok fejn fil-kaz ta' developed areas setgha jsir bini ta' residenzi godda - anki 'l barra mill-Pjan regolatur w mill-iskemi departimentali fil-kaz t'Ghawdex - filwaqt li "outside developed areas" dan kollu kien iktar ristrett u setgha jsir bini residenzjali b'estenzjoni ma bini esistenti, bhala "infill site" jew kazi ohra simili.

Imma fil-kaz ta' zvilupp ta bini konsistenti fl-erezzjoni ta' bini gdid ta' Akkomodazzjoni Turistika u Ancillari jew Facilitajiet ta' Rpoz l-posizjoni kienet "presso a poco" l-istess sija fil-kaz ta' "developed areas" u "outside developed areas".

Fil-fatt is-subincis (ii) tal-klawsola (B) tal-policy ghall "developed areas" kien jaqra li "tlugh gdid ta' lukandi guest houses akkomodazzjoni self-catering jew facilitajiet ancillari u ta' rpoz jistghu jkunu permessi fuq siti li jaqghu taht id-disposizzjonijiet tal-paragrafu "A" ta' hawn fuq".

Dawn is-siti bazikament kellhom ikollhom

(I) art li jkollha faccata fuq triq ezistenti jew proposta u
(Dan kien il-kaz tal-applikazzjoni; din hija triq pubblika maghrufa ukoll bhala Tal-Hluq Street (off Ghajn Melel Street) Zebbug Ghawdex u:

(II) L-izvilupp tas-sit jkun konformi ma' policy stretta ta' kontroll tat-tifrix tal-izvilupp

Fil-fatt l-izvilupp kien zghir hafna u kien jaqa' go art li hija "building site" kif definita mill-ligi u

(III) Is-sit ma kellux ikun f'area lil hinn mill-perimetru jew konfini ta' zvilupp ezistenti.

Is-sit kien fil-perimetru ta' zvilupp - liema zvilupp kien konsistenti ukoll minn diversi "units" li nbnew barra mid-development zone u li gew mibnija b'permessi moghtija lil terzi.

Ghalhekk l-applikazzjoni tar-rikorrent kienet tikkwalifika pjenament; u kellha tigi milqugha; il-permessi kellhom johorgu.

Imma anki li kieku wiehed kellu jikkunsidra - ghall-grazzja ta' l-argument - li t-terren in kwistjoni kien "outside developed area" (li mhux) - xorta wahda kien jikkwalifika ghall-permessi mitluba.

Fil-fatt fil-paragrafu ossija parti (G) tal-istess policy fejn jirrigwardja zviluppi "outside developed areas" jidher car li ghandhom jigu permessi "Xogholijiet... ghall-bini ta' lukandi u ta bini li ghandu x'jaqsam maghhom jew facilitajiet ta' rpoz...".

Dan il-paragrafu (G) tal-policy msemmija huwa intestat "Akkomodazzjoni Turistika u Ancillari jew Facilitajiet ta' Rpoz".

Issa kif gia inghad kien hemm il-kwalifiki kollha biex jinhargu l-permessi relattivi fuq it-terren tal-applikant - bhal ma peraltro hargu lill terzi "outside developed areas". Izda b'mod diskriminatorju l-PAPB deherlu li kellu jichad l-applikazzjoni relattiva - li kienet ggib in-numru tlitt elef tminn mija u sitta u sittin tal-elf disa' mija u disghin (PB 3866/90) proprju billi jiccita l-istess policy li in virtu' taghha l-applikazzjoni kienet tikkwalifika ghall-permessi.

Imma l-Board waqaf hemm u lanqas biss semma taht liema paragrafu jew parti mill-policy msemmija kellu jinghata dan ir-refusal. Ir-ragunijiet ghall din l-omissjoni da parti tal-Board huma ovvji. Meta l-Board kien jkun rinfaccjat b'applikazzjoni li tikkwalifika pjenament u peress illi ma kien hemm l-ebda parti tal-policy kurrenti li l-Board setgha jiccita biex jiggustifika l-ghemil diskriminatorju tieghu, l-istess Board ghazel illi ma jiccita xejn. Wara kollox l-ikbar prova tal-fatt li l-applikazzjoni msemmija kienet tikkwalifika hija - "a contrario sensu" - in nuqqas ossija impossibilita' teknika da parti tal-Board li jiccita parti jew partijiet mill-policy kurrenti biex jiggustifika d-decizjoni tieghu.

Fil-hamsa w ghoxrin (25) ta' Frar elf disa' mija wiehed u disghin (1991) l-applikant applika lill-Planning Areas Permits Board

ghall-hrug tal-permessi relattivi fuq parti ohra mill-istess terren: liema applikazzjoni kienet ggib in-Numru elf mija u hamsa w sebghin tal-elf disa' mija u wiehed u disghin (PB 1175/91).

Izda bhalli kieku dan ma kienx bizzejjed il-Board msemmi deherlu li kellu jkompli fejn halla qabel.

Ghalkemm din l-applikazzjoni kienet tikkwalifika pjenament skond il-policies kurrenti xorta wahda l-Board - konsonanti mal-istil diskriminatorju tieghu fil-konfront tar-rikorrent - deherlu li jerga' jaghmel l-istess bhal qabel: b'ripetizzjoni ezatta kelma b'kelma tad-decizjoni moghtija fil-PB 3866/90.

Mhux hekk mexa l-Board ma terzi ohra. Dawn inghataw permessi anki jekk kienu barra mill-linja tal-izvilupp imposta mill-istess Amministrazzjoni.

Illi ghaliex ir-rikorrent jiddimostra lill dan t-Tribunal f'liema grad ta ingustizzja kienet waslet l-Amministrazzjoni precedenti fil-konfront tieghu huwa annetta ma' dan ir-rikors ritratti li juru minn quddiem (ara l-anness Dokument "O") u minn wara (ara l-anness Dokument "P") il-block kbir ta' flats ossija appartamenti fuq msemmi u mibni minn terzi. Dawn il-flats huma gholjin minn wara xi hames jew sitt sulari jew gholi verjuri kif jidher ahjar mill-anness ritratt markat Dokument "P" u l-istess flats huma immedjatament adjacenti ghall proprjeta' tar-rikorrent.

Illi r-rikorrent xtaq jenfasizza illi huwa jirritjeni illi l-permessi w il-binjiet tat-terzi kollha msemmija f'dan ir-rikors huma misthoqqa u sewwa; u ghalhekk ir-rikorrent jhoss li din hija raguni ikbar ghaliex bi dritt jilmenta mill-ingustizzja maghmula mieghu bil-mod kif fuq deskritt.

Illi r-rikorrent ghandu l-interess kollu li jassigura li l-proprjeta' tieghu tkun bl-istess valur ta' terzi li gew nkluzi fl-izvilupp biex b'hekk ma jkunx fi kwalsiasi zvantagg di fronte ta' dawn it-terzi. Illi llum huwa possibbli ghall-Awtorita' tal-Ippjanar li permezz tal-Local Plan relattiv tassigura li johorgu l-permessi fuq l-art tar-rikorrent; filwaqt li sakemm dan jsir jistghu facilment jinhargu permessi mitluba mir-rikorrent anki ai termini tal-presenti Pjan ta' Struttura li fost affarijiet ohra jippermetti zvilupp urban skond il-Policy SET 12. U dan il-kaz presenti huwa altru milli gustifikat.

5. Illi ghaldaqstant r-rikorrent kellu jaghmel ir-rikors odjern u jaddivieni ghall-presenti Tribunal sabiex minghandu jottjeni dik il-gustizzja li kienet giet lilu negata precedentement.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex jsostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku hawn anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant huwa talab lill dan it-Tribunal sabiex jisma' u jaqta' dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji billi:

a. jordna lill-Awtorita' tal-Ippjanar u/jew minn min mill-intimati l-ohra sabiex provizorjament u minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tar-rikorrent tibda biex tohrog permessi ghal zvilupp urban ai termini tal-Policy presenti SET 12 tal-Pjan ta' Struttura;

b. jordna lill-Awtorita' tal-Ippjanar u/jew minn min mill-intimati l-ohra sabiex provizorjament u minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tar-rikorrent minnufih tohrog permessi minnha individwalment mitluba fuq l-istess terren in virtu' ta' kwalsiasi policy ohra presentement vigenti fil-Pjan ta' Struttura u;

c. jordna lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar u/jew minn mill intimati l-ohra sabiex tinkludi ghall-izvilupp u fl-iskema tal-bini t-terren tar-rikorrent mal-hrug tal-Local plan relattiv ghall-istess post u kif rikjest mill-istess rikorrent.

U alternattivament ghall dawn ir-rimedji ghandu jithallas l-ammont ta' kumpens dovut lir-rikorrent skond il-ligi.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' ***l-Onorevoli Prim Ministru u tal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u ta' l-Ambjent*** li eccepew:

Illi huma m'humiex il-legittimi kontraditturi f'din il-kawza stante illi huma ma ghandhom x'jaqsmu xejn ma' l-ipprocessar u mad-decizjonijiet finali li jittiehdu dwar il-hrug jew iz-zamma ta' permessi ta' bini, u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra r-risposta ta' ***l-Awtorita` ta' l-Ippjanar***, li eccepiet:

Illi fl-ewwel lok, l-istess Awtorita` ta' l-Ippjanar mhiex is-successur tal-PAPB u r-rifjuti li l-istess rikorrent nghata kienu tal-PAPB. Tant hu hekk li l-istess applikant inghata rifjut mill-PAPB kopja hawn annessa mmarkata Dok. TDI fit-18 ta' Settembru, 1991 u rega' nghata rifjut mir-rikonsiderazzjoni fit-29 ta' Ottubru, 1991, mill-istess PAPB, kopja hawn annessa mmarkata Dok. TD2.

Fil-fatt l-istess Awtorita` qatt ma tista` tikkunsidra applikazzjoni ta' l-istess PAPB jekk din kienet definitivament rifjutata pero' setghet biss fuq talba ta' l-applikant tikkunsidra appikazzjoni li kienet ghadha qed tigi processata quddiem il-PAPB u ma lahqux iddecidewha meta spicca l-istess PAPB. Tant hu hekk li fil-15 ta' Jannar, 1993 saret talba ghal hekk lill-Awtorita`, kopja hawn annessa mmarkata Dok. TD3, liema talba giet michuda ghab-bazi li l-istess kienet giet definitivament deciza mill-PAPB.

Ghaldaqstant l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ghandha tigi liberata mill-mertu ta' dan ir-rikors.

Illi minghajr pregudizzju fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrent huma nfondati stante li s-sit in kwistjoni ma kienitx tikkwalifikah ghal svilupp stante li kient barra z-zona ta' zvilupp kemm qabel l-1988, kif ukoll wara.

Illi l-applikazzjoni li tissemma' u li taghha gew esebiti ritratti, fil-fatt gie moghtija fil-1986, PB 3604/85 stante li taht il-Ligi ta' l-1983, l-istess kienet "within development zone", kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni u provi.

Illi l-istess talbiet tar-rikorrenti ma jistghux jintlaqghu ghar-ragunijiet fuq premessi, kif ukoll ghab-bazi ta' l-Att ta' l-1992, li tistabilixxi kif wiehed jista' japplika quddiem l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ghall-permessi bid-drittijiet ta' oggezzjonijiet minn terzi.

Ghar-rigward it-talba biex jigu nkluzi terreni ta' l-applikant fil-Pjanijiet Lokali, l-istess procedura kif din tista' ssir, nkluza b'konsultazzjonijiet pubblici, tista' biss issir skond l-artikoli 23 sa 29 ta' l-Att I ta' l-1992.

Ghaldaqstant ghandhom jigi michuda, it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti tal-Awtorita` intimata.

Ra r-risposta tal-**Kjamat in Kawza Direttur Generali tax-Xogholijiet** li eccepixxa:-

*Fatti fil-perspettiva taghhom*

1. Illi r-rikorrent qed jilmenta dwar rifjut mil-PAPB fuq files 3866/90 u 1175/91 ghal-izvilupp ta' art f'Zebbug, Ghawdex. Dawn l-applikazzjonijiet gew rifjutati billi x-xogholijiet proposti ma kienux jaqghu 'within the current policy regulating building permits as approved by resolution of the House on the 12th October 1988 in terms of the Building Permits (Temporary Provision) Act 1988'. Intalab reconsideration u d-decizzjoni giet konfermata. Intalab reconsideration iehor u l-applikant semma permessi ta' nies ohrajn izda nstab li l-permessi minnu kwotati kienu mahrugin qabel l-ischemes imsemmija u kienu ta' natura differenti miz-zvilupp mitlub mill-applikant.

*Eccezzjonijiet*

1) Illi dak li qieghed jigi mitlub mir-rikorrent ma jistax jigi akkolt mill-eccipjent skond il-ligi u kosegwentament l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2) Illi l-eccipjent m'ghamel l-ebda ingustizzja versu r-rikorrenti u ghal din ir-raguni wkoll huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza.

3) Illi minghajr pregudizzju ghall-permess, ir-rikorrent ma sofra ebda ingustizzja. Id-decizjoni tal-PAPB fil-konfront tar-rikorrent kienet korretta.

4) Illi mhuwiex legalment possibli li dan it-Tribunal jordna li l-area tar-rikorrent titqies bhala within the zone u inoltre, tali decizjoni ma tispettax lil dan it-Tribunal taht l-Artiklu 6 tal-Att VIII tal-1997. Hija decizjoni riservta ghal Parlament.

5) Illi fil-mertu jekk ir-rikorrent jippretendi li l-art tieghu tigi munita b'permess tal-bini dan l-ezercizzju ghandu jsir skond il-ligijiet u l-policies tal-lum. Huwa ghandu jerregola ruhu skond l-Att tal-1992 billi jaghmel applikazzjoni idoneja u jhallas id-drittijiet relattivi u l-kaz jigi processat skond il-ligi. Hadd m'hu qed jzommu milli jaghmel hekk. F'kaz li dan it-Tribunal jhoss li ghandu l-poter li jidhol fil-meritu tal-hrug o meno tal-permess taz-zvilupp jigi sottomess li t-talba m'ghandha tigi michuda billi:-

i) l-art hija barra miz-zona ghal-izvilupp

ii) r-rikorrent m'hux full time farmer u ma jahdimx iktar minn 20 tomna raba

iii) l-izvilupp fih iktar minn 150m 2 footprint

iv) l-applikazzjoni ma tikkwalifikax taht il-policies fil-paragrafu 7.6 u SET 11, BEN 2 u BEN 5

v) l-applikazzjoni tmur kontra l-policies RCO 2,3 u 4 u PLP 20

vi) l-applikazzjoni tippregudika l-local plans.

6) In oltre fir-rigward tat-talba tieghu sabiex it-terren in kwistjoni jigi nkluz fil-local plans, l-Att 1 tal-1992 jirregola kif ghandha ssir il-procedura relattiva u hawn ukoll dan il-process jesorbita mill-gurisdizzjoni. Hadd m'hu qed jcahhad lir-rikorrent milli javalla ruhu minn xi drittijiet li jista jkollu taht dan l-Att. Certament dan it-Tribunal m'ghandux l-poter li johrog il-local plans jew li jamendhom. L-hrug u revisjoni ta' Local Plan hija materja delikata hafna li tinvolvi studju profond u l-ligi stess tistipula procedura partikolari dwar kif u meta jistghu jsiru sottomissjonijiet. L-kuncett ta' town planning hija materja li tinvolvi hafna studju specjalizzati bhal ma huma:-

a) l-impatt MACRO fuq l-art

b) l-impatt MICRO fuq l-inhawi

c) l-effett fuq l-poplu in generali u fuq in-nies fl-inhawi

d) is-servizzi li jigy necessitati ma huma:-

i. toroq

ii. dawl

iii. ilma

iv. drenagg

v. telephone

e) id-densita taz-zvilupp u l-bzonnijiet kommunitarji bhal ma huma skejjel, playgrounds, ghasses, clinics, kwienet ecc.

7) Huwa ghalhekk li local plan jirrikjedi studju profond u jinvolvi hafna nies professjonali u specjalizzanti. Minghajr l-ebda sinjal ta' disrispett lejn dan it-Tribunal dan huwa forum ta' LIGI u certament m'hux l-forum adatt sabiex jsir dan l-ezercizzju.

8) Illi effettivament dak li jitlob ir-rikorrent huwa dan it-Tribunal jezercita l-poter li *ex lege* gie mholli ghall-Awtorita tl-Ippjanar taht l-Att 1 tal-1992 u ma jistax permezz ta' rikors prezenti jitlob li d-decizzjoni mehuda mill-Parlament dwar l-ischemes tkun soggetta ghar-revizjoni jew sindikar ta' dan it-Tribunal liema ezercizzju f'kull kaz huwa vjetat taht l-Artiklu 5 (3) (a) u parti A tal-ewwel skeda ta' l-Att VIII tal-1997

Ra l-lista tax-xhieda tal-kjamat fil-kawza.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi fil-25 ta' Jannar 2000 Dr L Cuschieri fil-presenza tar-rikorrent iddikjara li jaqbel li l-Planning Authority mhux successur tal-P.A.P.B. izda zamm ferm it-talba peress li biex jinhareg il-permess illum irid jinhareg mill-Planning Authority. Ra n-nota tar-rikorrent tal-1 ta' Frar, 2000 fejn ir-rikorrent prova li indirettament jirtira dak li qal qabel. Dan mhux permess legalment u dan it-Tribunal ma jaccettahx kategorikament. Id-dikjarazzjoni li ghamel torbot lir-rikorrent.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Pero’ ghal kull buon fini it-Tribunal sejjer jikkwota minn sentenza ohra tieghu fl-ismijiet “Emmanuel Mallia vs Awtorita’ tal-Ippjanar” deciza fit-12 ta’ Dicembru, 2000 fejn it-Tribunal qal:

“Fil-kawza deciza mill-Prim’ Awla (Imhallef G. Caruana Demajo) fl-14 ta’ Novembru 1997 fl-ismijiet Annunziato Mifsud vs Direttur tat-Toroq et intqal li:

“il-Bord ghall-permessi dwar area ta’ Pjan Regolatur kien twaqqaf bl-Avviz Legali 10/1962, li kien inhareg taht l-Artikolu 19 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija. Dan l-Artikolu, li thassar bl-Artikolu 63 tal-Att 1 tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Att 1 tal-1992) kien jaghti lill-President (dak iz-zmien il-Gvernatur) ta’ Malta is-setgha li jaghmel regolamenti inter alia:

(c) biex jaghtu s-setgha lill-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici (dak iz-zmien is-Segretarju Principali) li jiddelega, lil dak l-Ufficjal, Korp jew Awtorita` u b’ dak il-mod u sa fejn jista’ jkun preskritt mir-regolamenti, kull wahda mis-setghat moghtija lilu…

Bl-Avviz Legali 10 tal-1962 is-Segretarju Principali nghata s-setgha li jiddelega s-setghat tieghu “lill-Korp maghruf bhala il-Bord ghall-Permessi dwar Area ta’ Pjan Regolatur”.

Il-Bord ghalhekk huwa d-delegat tal-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici, u huwa dan il-Ministru li jwiegeb ghal dak li jaghmel il-Bord.

L-Awtorita` tal-Ippjanar twaqqfet bl-Artikolu 3 tal-Att tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp; hija korp awtonomu u mhux delegat ta' xi awtorita` ohra. Ghalhkemm huwa minnu li hadet xi setghat li qabel kienu tal-P.A.P.B., dawn is-setghat hadithom mhux ghax kompliet il-personalita` ta' dak il-Bord izda bis-sahha tad-dispozizzjonijiet ad hoc.

Il-konkluzjoni ghalhek bil-fors tkun li jwiegeb ghal dak li ghamel jew naqas li jaghmel il-Bord ghall-Permessi dwar Area ta' Pjan Regolatur il-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici, li tieghu il-Bord kien delegat, u mhux l-Awtorita` tal-Ippjanar."

Ukoll fil-kawza deciza mill-Prim' Awla (Imhallef G. Valenzia) (Rikors Kostituzzjonali) deciza fit-12 ta' Dicembru 1996 fl-ismijiet "John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar" il-Qorti qalet:

"L-Att 1 tal-1992 jaghmel eccezzjoni ghal dan fis-sens li l-Artikolu 62 tal-Att jinghad li permess moghti mill-P.A.P.B. u li ghadu fis-sehh hekk kif jigi fis-sehh l-Att 1 tal-1992, jigi meqjus li jibqa' operativ ghall-perjodu u taht il-kundizzjonijiet li ghalih ikun hareg u tul dan iz-zmien jitqies li hu permess moghti mill-Awtorita`…

Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta li fil-fatt l-intimat mhux is-successur tal-P.A.P.B. u l-eccezzjoni msemmija ma tapplikax fil-kaz in ezami billi l-permess tal-14 ta' Awissu 1992 kien gie revokat. L-azzjoni tar-rikorrent ma kellhiex tigi proposta kontra l-intimat."

Illi dan it-Tribunal wara li ezamina l-Att dwar l-Awtorita' tal-Ippjanar ma jhossx li ghandu xi jbiddel mill-insenjament moghti f'dawn il-kawzi."

Ikkunsidra li ghalhekk dak li ghandu jwiegeb ghal dak li ghamel jew naqas li jaghmel il-Bord ghall-Permessi dwar Area ta' Pjan Regolatur huwa il-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici, li tieghu il-Bord kien delegat, u mhux l-Awtorita` tal-Ippjanar. Izda b'daqshekk ma jfissirx li **f'dan l-istadju** l-Awtorita' ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, ghax li kieku t-talba tar-rikorrent kella tigi milqugha xorta wahda trid tkun inkluza l-istess Awtorita'.

Ghalhekk it-Tribunal jordna li jsiru l-bqija tal-provi u ghal dan il-ghan jiddifferixxi l-kawza ghall-24 ta' Jannar 2002 fid-9.30 a.m.